MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 397/2007

**Jetglass Ltd (C 6632)**

**Vs**

**MV Hingham Just For Fun (Vapur Irregistrat fil-UK Shipping Register bin-numru 908338)**

**Il-Qorti**

Rat l-**att tar-rikors** li permezz tieghu is-socjeta' rikorrenti sottomettiet :

1. Illi l-vapur intimat huwa debitur tas-socjeta' rikorrenti fl-ammont ta' tlettax-il elf, hames mija u ghoxrin lira Maltin

(Lm13,520) rapprezentanti tiswijiet maghmula mis-socjeta' rikorrenti u necessitajiet forniti lill-vapur intimat ghaz-zamma u manutenzjoni ta' l-istess mis-socjeta' rikorrenti;

2. Illi ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti ghandha gurisdizzjoni *in rem* kontra l-vapur intimat taht l-artikolu 742B (*o)* u (*p)* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Illi s-somma ta' tlettax-il elf, hames mija u ghoxrin lira Maltin (Lm13,520) hekk dovuta baqghet ma gietx imhallsa nonostante diversi nterpellazzjonijiet ghall-hlas;

4. Illi l-ammont dovut lis-socjeta' rikorrenti minghand il-vapur intimat huwa cert, likwidu u dovut u l-vapur intimat m'ghandu ebda eccezzjoni x'jaghti ghat-talba tas-socjeta' rikorrenti;

5. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha mehtiega mill-ligi skond l-artikolu 167 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dina l-Onorabbli Qorti tghaddi biex tiddeciedi l-kawza bid-dipensa tas-smigh;

6. Illi dawn il-fatti l-esponenti jafhom personalment;

Ghaldaqstant jghid il-vapur intimat, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex m'ghandiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tas-smigh;

2. Tiddikjara lill-vapur intimat debitur tas-socjeta' rikorrenti fl-ammont ta' tlettax-il elf, hames mija u ghoxrin lira Maltin (Lm13,520) rapprezentanti tiswijiet maghmula mis-socjeta' rikorrenti u necessitajiet forniti lill-vapur intimat ghaz-zamma u manutenzjoni ta' l-istess mis-socjeta' rikorrenti;

3. Tikkundanna lill-vapur intimat ihallas lis-socjeta' rikorrenti l-ammont ta' tlettax-il elf, hames mija u ghoxrin

lira Maltin (Lm13,520) rapprezentanti tiswijiet maghmula mis-socjeta' rikorrenti u necessitajiet forniti lill-vapur intimat ghaz-zamma u manutenzjoni ta' l-istess mis-socjeta' rikorrenti;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid bin-numru 12/2007 u bl-imghaxijiet kummercjali kontra l-vapur intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat illi-rikors gie debitament notifikat lil intimati li naqsu li jidhru u hekk baqu kontumaci;

Semghet lil Anthony Farrugia rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti;

Ezaminat l- atti tar- rikors;

Billi mill provi mhux kontradetti t-talba dedotta fir-rikors tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal- intimati tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------